# ‘Minn wara l-Kwinti?’ – Is-Sur Eddie Camilleri

*Parir Ħudu mingħand min jaf jagħtih.*



Cecilia Sammut

Jekk trid tmur ’il quddiem fil-ħajja nisranija, għandek bżonn direttur spiritwali; jekk sibt xi tfixkil kif trabbi tfal sewwa, jew nuqqas ta’ qbil mal-partner tiegħek, għandek bżonn Counsellor; jekk trid tirranġa d-dar sewwa, ħu parir ta’ perit jew designer; jekk trid tkun taf dak li hu dritt tiegħek, fittex avukat u jekk trid tmexxi soċjetà ’l quddiem, irid ikollok konsulent u/jew medjatur; bniedem indipenenti li jkun jista’ jara l-affarijiet aħjar. Irid ikun bniedem li ma jkunx marbut man-negozju, la politikant u lanqas mogħmi fuq ħaġa jew oħra. Biex l-interess tiegħu jkun biss dak li jagħmel il-ġid lil dik is-soċjetà u mingħajr interessi.




Tafu intom li tul ta’ 77 sena ħajja bħalma hi s-soċjetà għażiża tagħna, id-diffikultajiet ma naqsux! Għalhekk dejjem ħassejna l-bżonn li jkun hemm xi ħadd li jgħinna u jagħtina daqqa t’id f’dak li jkollna bżonn, kemm f’dak li hu materjali u iktar f’dak li hu reliġjuż. Nammettu li ħadd ma hu espert f’kollox.

L-Għaqda Mużikali Imperial dejjem kellha dan il-bniedem li jgħinna minn wara l-kwinti, bniedem t’Alla, bniedem indipendenti, bniedem ta’ ċerta edukazzjoni. Għandu isem tajjeb ma’ l-għaqdiet kollha tal-Mellieħa, jirrispetta l-Kleru, integru fl-istorja tal-Mellieħa u bniedem Mellieħi, ‘wieħed minn ta’ ġewwa’, u għalhekk ikun jista’ jifhem aħjar dak li tkun tixtieq tgħidlu! Dan huwa persuna li jkun jista’ jagħti parir tajjeb u jiġi emmnut.

Għal dawn is-snin kollha, aħna kburin li kellna s-Sur Edward Camilleri biex jimla dan il-post tant importanti. Jiena ilni nafu mis-sittinijiet u dejjem ammirajtu għas-sens ta’ dixxerniment li għandu. Dejjem ħadem u stinka għall-għaqda fil-parroċċa tal-Mellieħa kollha. Dejjem ikun preżenti meta jiġi mistieden u dan jgħin, biex il-bniedem ikun fdat minn kulħadd.

Niftakru sew jieħu ħsieb il-viżti tas-Sepulkru filgħodu kmieni li kien jorganizza l-każin, ikun preżenti waqt il-purċissjonijiet, jgħin fir-rużarju u l-quddies, ikun hemm preżenti fit-tberik tal-Każin u attivitajiet oħra.

Ikun preżenti fl-elezzjonijiet li kienu jsiru biex jitla’ kumitat ġdid fil-każin, jipprepara għal-laqgħat, qrar u quddies li żmien ilu kienu jsiru fil-każin, jipprepara l-kelma t’Alla u talb fil-laqgħat Marjani u dan l-aħħar il-qari u riflessjonijiet u stejjer b’tagħlim reliġjuż li jsir kull sena fl-iskola f’Ħadd il-Palm. Jikteb regolarment ukoll fil-magażin ‘Leħen l-Imperial’, artikli interessanti ħafna.

Ninsab ċerta li ġieli kellna bżonn parir individwali u dejjem kien hemm biex jisma’ u jgħin. Ġieli kellna bżonn parir dwar tmexxija u direzzjoni u hu dejjem kien lest li jisma’ u jiddixxerni. Dan hu ftit mill-ġid li naf jien, li għamel magħna bħala soċjetà, imma m’għandix dubju li għamel ħafna ġid, li ma jidhirx, ma’ ħafna għaqdiet oħra.

Ta’ dan kollu nixtieq ngħidulek grazzi ħafna, tax-xogħol li għamilt u għadek tagħmel magħna. Bħala membri ta’ din is-soċjetà, aħna qalbna miftuħa għalik u nixtiequ ngħidulek li aħna tant ixxurtjati li kellna lilek biex tgħinna, tindukrana u tigwidana f’dawn is-snin kollha biex nimxu fit-triq it-tajba, li waslet l-għaqda tagħna għal progress u aġġornament għall-ħtiġijiet tal-lum.

B’hekk il-membri żgħażagħ u adulti għandhom fejn jirrikrejaw ruħhom onestament u jħossu wkoll li meta jkunu l-każin ikunu qishom qegħdin ġo darhom.

Nixtiequlek is-saħħa u jalla tħoss dak is-sodisfazzjoni ġo qalbek, li dak li għamilt b’tant xogħol u sagrifiċċju, ma kienx għalxejn imma kien ta’ ġid għalina u għas-soċjetà għażiża tagħna, u għal Mellieħa kollha. **Grazzi mill-Qalb.**